MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 656/1995/2

**Alfred u Consolata konjugi Camilleri**
**v.**
**Nicholas Cutajar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Mejju, 1995 qudiem il-Prim Awla tal-Qort Civili l-atturi ppremettew illi huma proprjetarji tal-fond 65, Middle Street, Siggiewi mentri l-konvenut huwa proprjetarju u/jew possessur tal-fond Villino Cutajar, Triq San Nikola, Sqaq numru 2, Siggiewi, liema l-ahhar fond ghandu gardina li tinsab retroposta

ghall-fond fuq imsemmi ta’ l-atturi; illi ricentement il-konvenut ghamel xi xogholijiet fil-fond tieghu fost ohrajn tefa’ hamrija u materjal umdu mal-hitan tal-fond ta’ l-atturi, liema tfiegh tal-materjal imsemmi sar minghajr qabel ma tiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega biex jigu mharsa d-drittijiet ta’ l-atturi u bi ksur pales ta’ dak li jimponi l-Artikolu 419(c) u (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi wkoll fil-kors tax-xogholijiet imsemmija l-konvenut qabad u invada l-proprjeta` tal-atturi, u dan billi dahhal xi travi tal-hadid fil-hitan li jifirdu l-fond ta’ l-atturi mill-gardina tal-konvenut fuq imsemmija u di piu` tella’ diversi filati ta’ gebel fuq il-hajt li jiddividi l-istess, li stante c-cirkostanzi dan il-hajt huwa meqjus skond il-ligi li huwa proprjeta` ta’ l-atturi; illi l-konvenut ghamel dawn ix-xogholijiet kollha minghajr il-kunsens ta’ l-atturi anzi bi sfida ghall-opposizzjoni u protesti li ghamlulu l-atturi u dan kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza; li minhabba dan l-agir abuziv, l-atturi qeghdin isofru d-danni, u l-atturi ghalhekk talbu li dik il-Qorti tiddikjara li l-konvenut:-

1. a) ma setghax jiddepozita l-hamrija u materjal fuq imsemmi mal- proprjeta` ta’ l-atturi;

b) ma setghax iniffed it-travi tal-hadid fl-istess proprjeta` ta’ l-atturi; u

c) ma setghax itella’ aktar filati fuq il-hajt li jiddividi l-proprjeta` ta’ l-atturi mill-gardina tal-konvenut;

2. sussegwentement tordnalu u tikkundannah sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrimwovi x-xogholijiet kollha msemmija jew liema parti minnhom, okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi; u

3. fin-nuqqas li jaghmel dan, tawtorizza lill-atturi sabiex a spejjez tal-konvenut jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha necessarji ghall-fini tat-talba precedenti okkorrendo bl-ghajnuna tal-pulizija u marixxalli minghajr ebda pregudizzju ghall-eventwali hrug ta’ mandat in factum kontra l-istess konvenut skond il-ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-23 ta’ Gunju, 1995 l-konvenut eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu jallegaw it-tfiegh ta’ hamrija u materjal umdu mal-hitan tal-fond tal-atturi, huma

nfondai fil-fatt u fid-dritt stante illi dan il-gnien ilu jezisti ghal snin twal kif ser jirrizulta aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza.

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati wkoll, kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, fir-rigward tal-pretensjonijiet attrici meritu tal-kawza, billi, kif ser jirrizulta aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza, l-esponent ezercita biss illi (sic) jedd tieghu ai termini tal-Artikolu 414 et sequitur tal-Kodici Civili (Kap 16).

3. Illi ghar-ragunijiet premessi t-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fis-7 ta' Dicembru, 2001 l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, ikkundannat lill-istess konvenut illi "*sa zmien xahrejn millum, inehhi l-hamrija u l-materjal niedi li qieghed hu mal-hajt li jifred il-fond ta' l-atturi mill-gnien tieghu, inehhi t-travi li dahhal fil-hajt, u jhott il-filati godda li tella fuq il-hajt . Fil-kaz li l-konvenut ma jaghmilx dawn ix-xogholijiet fiz-zmien li nghatalu, il-qorti taghti lill-atturi s-setgha li jaghmlu huma x-xogholijiet mehtiega, taht id-direzzjoni tal-A.I.C. Rene Buttigieg, bi spejjez tal-konvenut. Il-konvenut ghandu jhallas ukoll l-ispejjez gudizzjarji kollha u l-ispejjez li saru skond il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar, 1996.*", u dana wara li qalet hekk:-

"Inqisu l-ewwel il-meritu dwar it-tqeghid ta' hamrija u materjal niedi mal-hajt li jifred il-proprjetajiet tal-partijiet.

"L-art. 419 (c) tal-Kodici Civili jghid illi ebda wiehed mill-girien ma jista' jqieghed demel jew hwejjeg ohra korrozivi jew nidja b'mod li jmissu mal-hajt komuni.

"Il-konvenut, fl-ewwel eccezzjoni tieghu, qieghed ighid li l-gnien li hemm fuq in-naha tieghu tal-hajt ilu hemm ghal hafna snin. Izda ukoll jekk dan il-fatt huwa relevanti ghall-meritu, xorta ma jfissirx illi l-konvenut seta' jkompli jzid hamrija u materjal niedi fuq dak li gja kien hemm qabel. Fil-fatt minn access li ghamel fuq il-post il-perit tekniku mahtur mill-qorti irrizulta illi l-konvenut kien zied l-gholi tal-

hamrija mal-hajt. Dan sar bi ksur car ta’ l-art. 419(c) msemmi fuq, ghalhekk it-talba ta’ l-atturi, safejn tolqot il-harija u materjal niedi mqieghed mal-hajt, ghandha tintlaqa’.

“Fadal il-kwistjoni jekk il-konvenut setax igholli l-hajt u setax idahhal u jserrah travi fih. Id-dispozizjonijiet tal-ligi li huma relevanti ghal din il-kwistjoni huma l-Artikoli tal-Kodici Civili migjuba hawn taht:

**413**.(1) Kull komproprjetarju li jkun qieghed itella’ bini jista’ jpoggi l-bini tieghu mal-hajt komuni, u jdahhal travi sa nofs il-hxuna ta’ dak il-hajt.

(2) Hu jista’ wkoll iqabbad il-hitan tieghu mal-hajt komuni.

**414**. Kull komproprjetarju jista’ jgholli l-hajt komuni, izda ghandu jhallas l-ispejjez mehtiega –

(a) ghat-titligh tal-hajt;
(b) biex tinzamm fi stat tajjeb ta’ tiswija l-bicca li taqbez il-gholi tal-hajt komuni;
(c) biex isiru dawk ix-xogholijiet li jkunu mehtiega sabiex jerfghu l-piz li jizdied bit-titligh tal-hajt, b’mod li l-hajt jbqa’ qawwi xorta wahda.

**415.** Jekk il-hajt komuni ma jkunx tajjeb biex jerfa’ l-gholi li jizdied, dak li jkun irid igholli ghandu jibni l-hajt kollu mill-gdid bi spejjez tieghu, u kwantu ghaz-zieda fil-hxuna, ghandu jibniha fuq l-art tieghu.

**416.** F’kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar zewg
Artikoli qabel dan, min igholli l-hajt huwa obbligat ukoll ihallas lill-gar kull hsara li da jista’ jbati minhabba t-titligh jew bini mill-gdid tal-hajt.

**419.** Ebda wiehed mill-girien ma jista’ –

(b) iwahhal jew ipoggi mal-hajt komuni, minghajr il-kunsens tal-gar l-iehor, xi bicca xoghol gdida, inkella, jekk dan ma jkunx irid, minghajr qabel ma jkun stabbilixxa,

b’periti, il-mezzi mehtiega sabiex dik il-bicca xoghol gdida ma tkunx ta’ hsara ghall-jeddijiet tal-gar l-iehor.

“Ghandu jinghad qabel xejn illi ebda wiehed minn dawn l-artikoli ma ghandu jinqara wahdu, izda fil-kuntest ta’ l-artikoli l-ohra.

“Dawn id-disposizzjonijiet ighoddu ghal hitan “komuni”, i.e. taz-zewg girien. Il-konvenut qed ighid illi l-hajt meritu tal-kawza huwa komuni, waqt li l-atturi qeghdin jistriehu fuq dak li jghid l-art. 409 (3) tal-Kodici Civli biex ighidu illi l-hajt huwa taghhom biss:

**409.** (3) Jekk min-naha wahda jkun hemm bini, u, min-naha l-ohra bitha, gnien jew ghalqa, il-hajt jitqies li hu kollu ta’ sid il-bini.

“Ma hux kontestat illi fuq in-naha ta’ l-atturi hemm bini waqt li fuq in-naha tal-konvenut hemm gnien; izda d-disposizzjonijiet ta’ l-art. 409 ighoddu biss “jekk ma jkunx hemm sinjal jew prova ohra li juru l-kuntrarju”, u l-konvenut qieghed ighid illi ghandu prova illi l-hajt huwa komuni. Din il-prova ried jaghmilha permezz ta’ kuntratt ta’ l-4 ta’ Marzu 1909 li bih l-awtur tieghu kien xtara l-fond li llum hu tal-konvenut. Dan il-kuntratt ighid illi l-awtur tal-konvenut kien qieghed jixtri l-fond bl-accessorji tieghu kollha “compresa la meta` dei muri divisori che separano detto fondo dai beni vicini di proprieta` altrui (volgo appoggi) ……”

“Bla ma nqisu l-fatt illi dan il-kuntratt ghall-atturi huwa *res inter alios acta,* u bla ma nqisu wkoll illi, kontra d-dikriet moghti mill-qorti fid-29 ta’ Settembru 1998, l-kopja esebita fil-process ma hix awtentikata, dan il-kuntratt huwa x’aktarx prova kontra l-konvenut milli favur tieghu. Fil-fatt ighid espressament illi l-hitan komuni huma dawk ta’ appogg. Ikun hemm appogg, skond l-art. 413 tal-Kodici Civili, meta gar iserrah il-bini tieghu mal-hajt divizorju jew ikun dahhal travi fil-hajt. Fil-parti tal-hajt li hija meritu tal-kawza, izda, ma kien hemm ebda appogg meta sar il-kuntratt ta’ l-1909, ghax fuq in-naha tal-konvenut gnien hemm, mhux bini. A *contrario sensu*, mela, il-hajt *de quo*

ma tqiesx komuni, lanqas mill-awturi tal-konvenut meta sar il-kuntratt ta’ l-1909, u lill-konvenut ma sehhlux, fil-fehma tal-Qorti, jaghleb il-prezunzjoni ta’ l-art. 409 tal-Kodici Civili.

“Ladarba l-jedd li jgholli l-hajt divizorju u li jdahhal fih it-travi huwa jedd ta’ komproprjetarju ta’ hajt komuni, u la l-konvenut ma hu komproprjetarju u lanqas il-hajt ma hu komuni, mela l-konvenut ma ghandux il-jedd li jaghmel ix-xogholijiet li ghamel.

“Il-konvenut jista’ jikseb il-komunjoni tal-hajt billi jimxi kif ighid l-art. 418 tal-Kodici Civili:

**418.** (1) Kull sid jista’ wkoll jaghmel komuni, kollu jew bicca minnu, hajt li jmiss mal-fond tieghu, billi jhallas lil sid dan il-hajt in-nofs ta’ kemm jiswa kollu, jew in-nofs ta’ kemm tiswa l-bicca li hu jkun irid jaghmel komuni, u n-nofs ta’ kemm tiswa l-art li fuqha l-hajt ikun mibni, u billi jaghmel ukoll ix-xoghlijiet li jkunu mehtiega sabiex ma ssirx hsara lill-gar.

“Il-konvenut mela kellu l-ewwel jikseb il-komunjoni, billi jhallas lill-attur u jaghmel ix-xogholijiet imsemmija fl-art. 418, u b’hekk isir komproprjetarju ta’ hajt komuni, biex hekk jikseb il-jedd li jaghmel dak li ghamel. Din il-Qorti tapprezza illi l-gurisprudenza l-aktar recenti, fost ohrajn is-sentenzi msemmija mill-konvenut fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu, tghid illi l-komunjoni tinkiseb bl-att materjali ta’ l-appogg; din il-qorti izda, bir-rispett kollu, ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni. Il-kliem espress tal-ligi jghid car, fl-art. 413, illi l-jedd ta’ appogg huwa jedd ta’ komproprjetarju, mhux jedd ta’ minn irid isir komproprjetarju, u, fl-art. 418, illi l-komunjoni tinkiseb bil-hlas, mhux bl-appogg materjali. Fi kliem iehor, il-jedd t’appogg huwa l-konsegwenza mhux il-kawza tal-komunjoni: tista` tappogga ghax int komproprjetarju u mhux sirt komproprjetarju ghax appoggjajt.

“Fil-fatt, lanqas id-dritt ta’ appogg ta’ komproprjetarju ma hu assolut u arbitrarju; rajna illi l-art. 419(b) tal-Kodici Civili jrid li l-ewwel jinkiseb il-kunsens tal-gar u, jekk il-gar, wara

li jkun mitlub, ma jaghtix il-kunsens, ma ghandu jaghmel xejn “qabel ma jkun stabbilixxa, b’periti, il-mezzi mehtiega sabiex dik il-bicca xoghol gdida ma tkunx ta’ hsara ghall-jeddijiet tal-gar l-iehor”. Wisq anqas jista’ gar li ma hux komproprjetarju jaghmel appogg meta jrid hu u minghajr ma jkun avza lis-sid!

*Legibus non exemplis iudicandum est.*

“Ghal din ir-raguni, ix-xogholijiet li ghamel il-konvenut meta gholla l-hajt u dahhal fih travu saru kontra l-ligi – huma fil-fatt att ta’ spoll – u ghandhom jitnehhew.”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors ipprezentata fil-21 ta’ Dicembru 2001 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, dina l-Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tas-7 ta’ Dicembru 2001 fl-ismijiet fuq premessi u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant u tichad it-talbiet attrici kif imressqa fic-citazzjoni promotorja, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellatti. Il-kontro parti ma pprezentat ebda risposta ghar-rikors ta’ l-appell tal-konvenut.

L-aggravji mressqa mill-konvenut jikkoncernaw l-apprezament kemm legali kif ukoll fattwali li ghamlet l-ewwel qorti biex waslet ghad-decizjoni taghha kemm ghal dak li jikkoncerna t-tfiegh tal-hamrija mal-hajt divizorju kif ukoll fir-rigward tal-proprjeta` tal-istess hajt divizorju.

**Dwar il-hamrija.**

Dwar il-hamrija l-konvenut qed isostni li ma ngiebet ebda prova li din il-hamrija tqeghdet minnu stess billi wkoll il-fondi kif jinsabu prezentement kienu gja` ezistenti fin-1909 u ghalhekk ma kienx hu li pogga din il-hamrija li allegatament qed taghmel hsara fil-fond tal-atturi. F’dan ir-rigward issir referenza ghal dak li qal l-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu mahlufa fl-udjenza tat-13 ta’ Lulju, 1995 u cioe`:

“Illi l-esponent ikkonstata illi:-

1) Il-hajt divizorju bejn il-fond tal-atturi u l-gjardina tal-konvenut, juri livell ta' umdita` akbar fil-parti t-isfel tieghu.
2) Jidher li l-konvenut dahhal ammont ta' hamrija, biex zdiedet ma dik li kien hemm tahtha, fil-gjardina tieghu, jew ahjar l-gholi tal-hamrija mal-hajt divizorju jidher li tgholla b'xi 6 pulzieri, u dan gie biss kkonstat vizwalment, mil-kulur differenti tal-hamrija."[1]

L-istess attrici Consolata Camilleri meta kienet qed tixhed dwar l-konfigurazzjoni tal-gnien tal-konvenut u dwar tnehhija ta' hajt li kien jaqsam "Orchard C" minn "Orchard B" qalet espressament hekk: "Dan il-hajt m'ghadux jezisti, tnehha, u fil-fatt il-hamrija – li jiena niftakar sew li kienet baxxa iktar f'"Orchard C" – illum qieghda pjan livell wiehed ma' "Orchard B"."[2]

Il-Perit Alan Saliba li kien gie konsultat mill-atturi in konnessjoni mal-kwistjonijiet li huma kellhom mal-konvenut, xhed li huwa kien ghamel access fil-presenza tal-partijiet u tal-perit William Debattista, il-konsulent tal-konvenut u zied jghid hekk: "Dakinhar ikkonfermajna li ntefghet il-hamirja gdida pied zgur, ghax haffirna pied u kienet tidher hamrija gdida."[3]

Minn dan jidher li dan l-ewwel aggravju tal-konvenut fir-rigward tal-hamrija ma huwiex gustifikat, u jirrazenta l-fieragh.

It-tieni lok u dejjem dwar il-kwistjoni tal-hamrija l-konvenut qed isostni li fil-mori tal-kawza u taht is-sorveljanza tal-espert inkarigat mill-Qorti tnehhit il-hamrija u tpogga menbrane biex b'hekk issa l-meritu ta' l-ewwel ilment ta' l-atturi gie ezawrit. Din il-Qorti tosserva pero` li ma hemm ebda prova definittiva li saru dawn ix-xogholijiet tant hu hekk li ghalkemm fl-udjenza tat-13 ta' Lulju, 1995 gie verbalizzat li: "Il-partijiet jaqblu illi bla hsara ghall-mertu tal-kaz taht it-tmexxija tal-Perit Buttigieg isir kanal fil-

[1] Vide fol. 20 – pagna 2 tar-rapport citat.
[2] Seduta 28/11/96 – fol. 64.
[3] Seduta 22 ta' annar 1998 fol. 95.

hamrija fuq in-naha tal-konvenut u jitqieghed "membrane" mal-hajt. L-ispejjez jithallsu provvizorjament mill-attur"[4], ma jirrizultax li hemm xi rapport tal-espert tekniku jew xi dikjarazzjoni tal-partijiet li effettivament saru dawn ix-xogholijiet. Infatti jidher li wara nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar l-ammontar ta' l-ispejjez ghax-xogholijiet proposti insibu verbal dettat fl-udjenza tas-16 ta' Frar, 1996 fejn jinghad li "Il-partijiet jirreferu ghar-rikors tal-perit tekniku tal-14 ta' Novembru, 1995 (meta l-istess perit tekniku kien talab direzzjoni mill-qorti dwar l-istess xogholijiet) u jaqblu li x-xogholijiet hemm imsemmija jsiru minn nies imqabbda mill-attur u bil-prezz ta' LM400 indikat fl-istess rikors."[5] Pero` wara dan ma jinghad xejn dwar l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet imsemmija. B'dana kollu izda ghandu jinghad li l-konvenut b'nota pprezentata fid-29 ta' Marzu, 2001 ipprezenta zewg ritratti u f'dak indkat bhala Dok NC1 jidher li l-hamrija giet merfugha minn mal-hajt f'munzelli taht is-sigar tal-laring.[6] Jekk dan ir-ritratt huwa intiz bhala prova li gew ezegwiti x-xogholijiet kif jinghad mill-konvenut appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, din il-Qorti tosserva li x-xoghol hekk ezewgit bl-ebda mod ma jissodisfa t-talba kontenuta fic-citazzjoni billi l-istess hamrija migbura tista` facilment terga titwitta lejn il-hajt tal-atturi b'mod li l-ilment minnhom sollevat fic-citazzjoni jerga' javvera ruhu. Dan l-aggravju ghalhekk ma ghandu ebda fondament.

**Dwar il-proprjeta` tal-hajt divizorju.**

Qed jigi sottomess mill-konvenut appellant li d-decizjoni ta' l-ewwel qorti dwar ta' min hu l-hajt li jiddividi l-gnien tieghu mil-fond ta' l-atturi hija zbaljata. Fl-izvolgiment ta' dan l-aggravju, fil-fehema ta' din il-Qorti, il-konvenut jipprezenta argumenti konfliggenti. Fl-ewwel lok il-konvent jsostni li l-hajt in kwistjoni huwa proprjeta` komuni u ghalhekk kellu kull dritt li jaghmel uzu minnu u dana in kwantu bil-kuntratti minnu ezebiti huwa eghleb l-prezunzjoni legali li hemm favur l-atturi li tirrizulta mill-provvedimenti tal-Artikolu 409(3). Fit-tieni lok il-konvenut

[4] Fol. 17
[5] Fol. 214
[6] Fol. 213

donnu jirrikonoxxi lill-atturi bhala sidien tal-hajt divizorju biss jargumenta li a tenur ta' gurisprudenza recenti tal-qrati nostrani, bhala gar huwa ghandu kull dritt jirrendi hajt divizorju komuni billi semplicement jappogga mieghu.

Din il-Qorti qrat bir-reqqa s-sentenza appellata fejn giet tratta din il-kwistjoni u hija tal-fehma li ma ghandha tiddisturba xejn minn dak li qalet l-ewwel qorti. Infatti din il-Qorti tikkondividi <u>pienament</u> dak li osservat l-ewwel Qorti sew fl-interpretazzjoni tal-kuntratt tal-1909 meta osservat li l-kliem uzat fl-istess kuntratt huma xhieda kuntrarja ghal dak li kien qed isostni l-konvenut,  kif ukoll fir-rigward tal-interpretazzjoni korretta ghall-provvedimenti ta' l-Artikoli 413 u 418 tal-Kodici Civili. Inoltre fir-rigward ta' dak li l-ewwel qorti osservat dwar l-Artikolu 419(b) din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda, mhux kontradetta, tal-Perit Alan Saliba li meta, in kontro-ezami kien qed jigi mistoqsi dwar il-kondizzjoni tal-hajt divizorju in relazzjoni mal-appogg ezercitat mill-konvenut qal espressament hekk: "L-ewwel jitranga l-hajt u mbaghad jittella."[7] U mistoqsi ezattament x'ried jghid dan ix-xhud u cioe` jekk il-hajt kellux jitwaqqa' huwa irrisponda b'mod kategoriku fl-affermattiv. Dan ikompli jikkorrobora dak li l-ewwel Qorti osservat fir-rigward ta' l-Artikolu 419(b) fuq imsemmi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant b'dana li t-terminu imsemmi fl-ewwel sentenza ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet hemm ordnati ghandu jibda jiddekorri millum. U peress li dana l-appell, mehud fit-totalita` tieghu, huwa wiehed frivolu u vessatorju fis-sens ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, intiz principalment biex jipperdura stat ta' illegalita` bi pregudizzju ta' l-atturi appellati, tordna lill-konvenut appellant li jhallas l-ispejjez ghal darbtejn fit-termini ta' l-imsemmija disposizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

[7] Seduta 22 ta' Jannar 1998 fol. 98

---------------------------------TMIEM---------------------------------